MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2014

Appell Kriminali Numru. 205/2013

**Il-Pulizija**

**vs**

**Kirsten Scicluna**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-appellant Kirsten Scicluna, detentur tal-karta ta’ l-identita bin-numru 408889M akkuzat talli:

Fl-10 ta’ Dicembru, 2011 ghall-habta tat-08:00am waqt li kien qieghed fl-inhawi ta’ H’Attard, kien qieghed jonsob minghajr ma kellu licenzja mahruga f’ismhu mid-Direttur jew mill-Kummissarju tal-Pulizija ghall-insib tal-Melvizz u dan bi ksur tar-Reg 12(1) tal-Avviz Legali 79/2006, hekk kif emendat, L.S.504.71.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali moghtija fl-24 ta’ April, 2013, fejn il-Qorti wara li rat ir-regolamenti 12(1) tal-A.L. 79/2006 hekk kif emendat LS 504.71 tal-Ligijiet ta’ Malta sabet lill-Qorti hati u ikkundannatu multa ta’ seba mitt Ewro (€700).

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

Fliet l-atti processwali;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat.

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Kirsten Scicluna pperezentat fir-registru ta’ din il-Qorti fis-6 ta’ Mejju, 2013 fejn talab lil din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah minn kull imputazzjoni u htija, u f’kaz li din il-Qorti tichad dan l-appell fuq il-mertu u tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni u hitja u minflok tikkonferma s-sentenza appellata, tirriforma s-sentenza in kwantu jirrigwarda l-piena inflitta u minflok multa fis-somma ta’ seba` mitt Ewro (€700) tikkundannah ghal-hlas ta’ multa fil-minimu stabbilit mill-ligi.

Rat l-aggravji tal-appellant Kirsten Scicluna:

Illi l-aggravji tal-appellant huma tnejn (i) fuq ir-reita’ ghaliex l-appellant itenni li huwa ghandu jigi liberat minn kull imputazzjoni u thija u (ii) sussidjarjament fuq il-piena ghaliex jekk din l-Onorabbli Qorti fis-savju gudizzju taghha joghgobha tikkonferma l-htija, allura l-multa ghandha tigi nflitta fil-minimu stabbiliti bil-ligi.

Illi dwar ir-reita l-appellant fl-ewwel lok jirrileva illi x-xhieda bl-affidavit taz-zewg ufficjali tal-pulizija ma jaqblux ma’ xulxin u dan fuq punt importanti hafna u cioe` li filwaqt li fl-affidavit minnhom intqal li l-appellant assuma r-responsabbilita` ghall-mansab in kwistjoni (xi haga li assolutament mhijiex minnha) l-ufficjal l-iehor ma jghidx dan. Dan il-fatt wahdu wkoll huwa sufficjenti biex johloq dubju f’mohh il-Qorti li jimmilita favur l-appellant.

Illi di piú l-appellant xehed fejn spjega l-fatti kollha bl-izjed mod car, u x-xhieda tieghu kienet korroborata in toto mix-xhieda prodotti in difiza Lee Grima u Darren Galea li bazikament ikkonfermaw il-fatt kif spjegati izjed il-fuq f'dan l-umli rikors tal-appell u l-appellant itenni li f'dan il-kaz mhux talli l-prosekuzjoni ma rnexxiliex tipprova l-htija tieghu lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli talli ghall-kuntrarju l-appellant irnexxielu jipprova (minghajr ma kellu ghalfejn jaghmel dan ghaliex naturalment japplika l-principju tal-prezunzjoni tal-innocenza) illi huwa ma kienx qighed jonsob u ma kienx qed jikser ebda ligi u m'ghandu htija ta' xejn.

Illi ghal dak li jirrigwarda l-piena kieku din l-Onorabbli Qorti kellha xorta wahda tikkonferma l-htija tal-imputat allura l-piena inflitta ghanda tkun multa f'ammont inqas minn dak inflitt mill-Ewwel Qorti u f'kull kaz bil-beneficcju ta' pagamenti fuq medda qasira ta' zmien.

Ikkunsidrat.

Irrizulta mill-provi illi fl-10 ta' Dicembru ta' l-2011 fit-tmienja ta' filghodu PC 691 J Mula, PC 798 Anthony Camilleri u PC 106 C Abela kienu qeghdin fuq ronda fl-inhawi ta' H'Attard fejn l-isptar Monte Carmeli, meta hemmhekk bdew jisemghu bird callers tal-pluvieri. Il-Pulizija avvicinaw il-post fejn kien gej dan il-hoss u hemmhekk innotaw zewg imnasab u marru fuq l-ewwel wiehed. Meta spiccaw l-accertamenti, marru fuq it-tieni mansab u hemmhekk sabu lill-appellant Kristen Scicluna. PC Mula saqsa lill-appellant dwar il-bird callers u l-appellant qal li kienu gejjin mill-mansab ta' quddiemu pero ammeta illi kellu tlett pari mnasab armati. Cahad li kien qed jonsob ghaliex dawn l-imnasab kienu safe u ma setghux jigu migbuda. Pero, accetta r-responsabbilita' tal-mansab ma' l-istess Pulizija. Mistoqsi kellux licenzja ta' l-insib, wiegeb fin-negattiv. B'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fl-24 t'April ta' l-2013, il-Qorti sabet lill-imputat hati ghall-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u kkundannatu ghal multa ta' €700. L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell.

Hu argument li l-unika prova li kien hemm fil-konfront tieghu, kien PC Mula illi hu biss qal li assuma responsabbilita’ ghall-imnasab. Il-Pulizija l-ohra ma qalu xejn dwar dan. Terga’ u tghid, Darren Galea, il-habib ta’ l-appellant illi kien mieghu dak il-hin assuma r-responsabbilita’ ta’ l-imnasab u qal li hu kien qieghed jonsob u mhux l-appellant, li kien qieghed hemmhekk biss ghall-kacca. L-appellant argument illi b’hekk kien hemm id-dubju ragonevoli, kemm l-appellant kien qieghed jonsob, liema dubju kellu jmur favur l-appellant. Fi kwalunkwe kaz, il-piena kienet harxa wisq u kellha tkun ridotta.

Ikkunsidrat.

L-appellant xhed f’dawn l-atti u qal li dak il-hin ra karozza tal-habib tieghu Lee Grima illi kien qieghed ghall-kacca bis-senter f’idu. L-appellant dahal hdejh u pogga fuq gebla jaghmel kafe. Vicin il-mansab fl-ghalqa, vicin fejn kienu, kien hemm mansab f’ghalqa ta’ Darren Galea. L-appellant qal li ma kienx veru li qal lil Pulizija illi kien responsabbli ghal dawn l-imnasab. Ma kellu xejn minn dawn. Kien qieghed hemmhekk biss ghall-kacca u ghalxejn aktar. Ikkonferma li ma kellux licenzja ta’ l-insib u qatt ma applika ghaliha. Lee Grima xhed illi dak in-nhar, fl-istagun miftuh, kien ghall-kacca tal-pluvieri bis-senter. Kristen Scicluna gie hdejh u kienu vicin l-imnasab ta’ Darren Galea u gew il-Pulizija fuqhom. Dawn allegaw li kienu responsabbli ghal dawn l-imnasab pero huma nnegaw illi kienu qeghdin jonsbu. Dak il-hin il-propjetarju ta’ l-imnasab, Darren Galea, ma kienx hemm. Darren Galea xhed f’dawn l-atti u qal li dak in-nhar kien qieghed jonsob fl-ghalqa. Ghandu tlett imnasab. Kien jaf li fil-vicin kien hemm Lee Grima ghall-kacca tal-pluvieri izda f’xi hin kellu bzonn jillarga u disattiva l-imnasab billi ghamel xi hadida biex ma juzaha hadd. Kristen Scicluna, l-appellant, kien vicin Lee Grima ghall-kacca tal-pluvieri u ma kienx qieghed jonsob.

Ikkunsidrat.

Minn dawn il-verzjonijiet, il-Qorti ssib illi l-verzjoni moghtija minn PC 691 u l-Pulizija shabu li ntercettaw lill-appellant huma aktar veritjeri.  L-appellant ghamel kapital fuq il-fatt illi kien biss PC 691 illi semma' illi l-appellant ammetta r-responsabbilita' ghal dawk l-imnasab, pero l-Qorti tara illi l-Ligi stess tawtorizzaha illi toqghod fuq ix-xhieda ta' persuna wahda, jekk emnuta, bhal li kieku l-prova saret minn aktar minn xhud wiehed.  Din il-Qorti tghid, minghajr tlaqlieq, illi qeghdha temmen lil PC 691 Mula u mhux lill-appellant u x-xhieda migjuba minnu.  PC Mula ddeskriva b'mod grafiku l-paniku illi qabduhom l-appellant u shabu meta raw lil Pulizija gejjin fuq l-imnasab, b'hafna giri 'l hemm u 'l hawn fuq l-istess imnasab, biex dawn jidhru li gew disattivati billi tqieghed hadida f'nofshom biex ma tkunx tista' tingibed.  L-imnasab pero kienu armati sew ghall-insib, peress illi madwarhom kien hemm diversi imnievez hajjin go gageg zghar u billi l-appellant qeghed hadida, biex skond hu tigi safe, ma jfissirx, illi bit-tnehhija tal-hadida, dan il-mansab ma setax jigi operattiv.   Din il-Qorti ghalhekk temmen lil Pulizija meta dan jghid li l-appellant ammetta r-responsabbilita' tieghu ghal dawk l-imnasab.  Kif ukoll l-ammissjoni li ma kellux licenzja ta' l-insib.  Ghalhekk din il-Qorti, issib lill-ewwel Qorti, fuq il-provi illi kellha quddiemha, setghet legalment u ragonevolment tasal ghal konkluzzjoni illi waslet ghaliha. U ghalhekk mhux il-kaz illi tiddisturba din id-diskrezzjoni.

Ghal dawn il-motivi, taqta' u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------